# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)

## Seduta mizmuma llum, 18 ta' April 2018

## Rikors Numru: 294/2014 CSH

## Mona Farrugia Limited (C 48565)

**vs**

## MaltaPost plc

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar il-21 ta' Awwissu 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati minnha fil-fond restaurant "*Angelica*", Archbishop Street, Valletta stante kostruzzjoni li qed isir fil-fond adjacenti proprjeta' taghha.

Ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni ma jeccedux il-hdax-il elf ewro (€11,000).

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' mandat ta' sekwestru numru 1485/14 u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' MaltaPost plc li gietipprezentata fit-2 ta' Ottubru 2014 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Preliminarjament is-socjeta' attrici ghandha l-ewwel u qabel kollox tipprova li ghandha l-interess guridiku sabiex tipproponi l-kawza odjerna u anke sabiex tissokta bl-istess kawza;*
2. *Minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha tipprova li hija s-socjeta' esponenti li hija responsabbli ghal kwalunkwe danni li setghet soffriet is-socjeta' attrici;*
3. *Minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan kif jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*
4. *Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hi intempestiva u ghalhekk fi kwalsiasi eventwalita' l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu spejjez;*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir -risposta ulterjuri tas-socjeta' konvenuta pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Dicembru 2014 fejn eccepiet is-segwenti:

1. "*Illi s-socjeta' eccipjenti ma hix il-legittma kontradittrici.*
2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*"

**Il-Perit Alan Saliba** xehed fid-19 ta' Novembru 2014 fejn esebixxa rapport imhejji dwar il-fond 134, Angelica, Triq l-Isqof, Valletta u dan wara li huwa kien gie mitlub minn Mona Farrugia sabiex jaghmel dan ir-rapport. Huwa filfatt kien ghamel spezzjoni fil-post in kwistjoni. Il-Perit esebixxa dan ir-rapport li l-Qorti mmarkat bhala Dokument AS.

Illi minn ezami ta' dan ir-rapport esebit fl-atti a fol. 13 jirrizulta li l-fond tas-socjeta' attrici jikkonsisti f'restaurant li jinkludi bank u *seating area* fil-

pjan terran, *seating area* ohra u toilet sovrastanti fl-ewwel sular u kif ukoll store fil-kantina (6.3 m x 3.0m) li jinsab taht il-fond ta' terzi numru 135. Il-kantina tinkludi ukoll ventilatur f'ghamla ta' xaft taht il-bankina li jigi quddiem il-bieb ta' barra tal-fond numru 135.

Illi rrizulta lill-perit li ricentement fil-fond numru 135 saru xi alterazzjonijiet strutturali fejn matulhom kienet sehhet xi perkolazzjoni ta' ilma minn matul il-genb kollu ta' dan il-fond (minn naha tal-lemin) ghal gol kantina tal-fond numru 134 propjeta' tas-socjeta' attrici. Dan allegatament ikkawza hsara kemm fl-ixkaffar tal-pjanci fejn hareg is-sadid (ritratt 05) u kif ukoll hsara fi 'fridge', 'freezer' u forn industrijali li hemm fl-istess kantina. Anness ma' dan ir rappot hemm ukoll rittratt MFR li juri l-istat ta' dan l-ixkaffar meta dahal l-ilma. Huwa stqarr li dan l-ixkaffar jehtieg li jinbidel filwaqt li diversi mbejjed sofrew hsara fil-*labels* taghhom u ghalhekk ma jistghux jintuzaw. Minkejja li din il-kantina tinsab taht it-triq il-perit stqarr li mhix umduza ghaliex hemm 'cross ventilation' tajba hafna kemm billi hemm xaft imdaqqas taht il-bankina u kif ukoll billi fuq in-naha l-ohra mat-tarag huwa miftuh.

Spjega ukoll li bil-vibrazzjonijiet waqt l-istess xoghlijiet li saru minn fuq (fejn sovrastatnti l-kantina fil-kwistjoni hemm l-uniku kuridur li jaghti access ghall-fond numru 135, fejn gie nfurmat ukoll li saru xogholijiet ta' skavar u kif ukoll xoghlijiet ta' dranagg) tfarfru u nfethu l-fili ta' bejn is-samrotti tat-troll bil-konsegwenza li anke tharrku xi samrotti minn posthom u strahu (vide ritratt 03/04 anness mar-relazzjoni tieghu). Minhabba f'hekk jghid li kellhom jiehdu mizura temporanja permezz ta' plastic taht is-saqaf sabiex tillimita t-trab li kien ghadu jaqa' mill-istess fili (ritratt 01/09).

Qal ukoll li waqt l-istess xoghlijiet fil-fond numru 135 ma ttiehdux prekawzjonijet sabiex ma jidholx trab fl-imsemmija kantina mix-xaft li hemm taht il-bankina. Dan bir-rizultat li dan it-trab ippenetra fil-kantina u

kkawza ukoll hsara fl-'*air conditioning unit'*(kompressur) li hemm installat fl-istess xaft. Fil-fatt x'hin infethet ix-xatba li taghti ghall-istess xaft waqa' trab fin abjad (ritratt 08). Ma jidhirx li ttiehdu prekawzjonijiet sabiex dan il-ventilatur jitghatta temporanjament jew inkella sabiex ma johrogx trab ghat-triq waqt ix-xoghlijiet fil-fond numru 135.

Zied jghid ukoll li mat-tarag li jaghti ghall-ewwel sular dehru xi konsenturi li jidhru li gew kawzati minn caqlieq min-naha l-ohra tal-bejt (ritratt 13/14) Fil-fehma tieghu dawn il-fili ghandhom jitnaddfu u jimtlew sew mill-gdid u wara li jitkahlu jinzebagh il-hajt kollu.

Spjega ukoll li fis-saqaf fl-ewwel sular, lejn in-naha tal-faccata deher travu tal-hadid bis-sadid (ritratt 11). Jidher li din il-hsara qed tigi kkawzata minhabba perkolazzjoni ta' ilma mill-gallerija miftuha li hemm fit-tieni sular tal-istess fond nurmu 135 (ritratt 15) u/jew mill-bieb taghha. Jigi rilevat illi billi din il-hsara gejja minn fuq, fil-parti li ma tihdirx tat-travu jkun hemm aktar sadid milli jidher fil-qiegh tal-istess travu. Is-soluzzjoni hija li dan it-travu qed jigi spezzjonat u trattat wara li jinkixef minn fuq u wara ssir iz-zebgha necessarja tal-istess saqaf.

Fl-istess saqaf gie nnotat ukoll caqlieq f'xi xorok li hemm fl-istess saqaf liema caqlieq huwa relatat ma' xoghlijiet minn fuq billi din il-hsara hija lokalizzata. Fil-fehma ta' dan il-perit ir-rimedju huwa li jsir it-tindif u t-tikhil necessarju f'dan il-lok qabel dan is-saqaf jigi mizbugh.

**Mona Farrugia** xehdet fid-19 ta' Novembru 2014 ghan-nom tas-socjeta' attrici fejn iddikjarat li l-fond 'Angelica', Archbishop Street, Valletta hija proprjeta' mikrija lis-socjeta' attrici Mona Farrugia Limited. Hija filfatt ghandha kirja ghall-ghaxar snin pero' m'ghandhiex kopja ta' dan il-kuntratt, u ghalhekk promettiet li tesebieh fis-seduta sussegwenti. Ix-xhud spjegat li l-post huwa adjacenti ghall-font illi huwa destinat biex ikun muzew tal-

Maltapost. Il-Maltapost ghandhom il-post adjacenti maghha li jifridha minn stabbiliment iehor maghruf bhala 'The Pub' li l-post taghhom ghandu s-sular fuqhom u ghandu wkoll proprjeta' li tinsab wara l-proprjeta' taghhom ukoll. Il-kantina pero' tal-fond Angelica tinsab taht l-entrata tal-Maltapost ghalkemm hija kantina zghira hafna.

Ix-xhud spjegat illi fix-xoghol ta' restawr illi kien qed isir fil-fond 135 ma kienx qed isir xoghol bis-sengha fosthom ix-xoghlijiet li saru fuq il-bejt. Ghalhekk malli ghamlet l-ewwel xita beda diehel ammont fenomenali ta' ilma minn fuq il-bejt li beda jmur ghand il-girien fosthom mal-appartamenti tal-girien li jmissu fuq in-naha ta' fuq tal-Maltapost u kien hemm hsara fil-kamra tal-banju taghhom. Biex isolvu l-problema tal-ilma li dahal minn fuq il-bejt ghal ghand il-girien fuq l-ewwel sular il-kuntratturi tal-Maltapost poggew pipe temporanju fuq il-bejt u dan il-pipe kien jitfa' ilma direttament ghal gol-vent tal-kantina taghha. Filfatt hija kienet baghtet diversi messaggi lil *project manager* taghhom fejn kontinwament kienet tinfurmah b'dawn l-affarijiet u kienu hadu wkoll videos u ritratti. Hija qalet li dan il-persuna jismu John Cremona u kien jghidilha li din il-kwistjoni kienet qed tigi mharsa. Pero' fil-fehma tax-xhud dan ma kienx minnu ghax huma kienu fuq il-post.

Hija ddikjarat li l-ilma li dahal gol-kantina taghha kien gharraq il-parti fejn hemm il-vent tad-dranagg u spjegat illi effettivament dan huwa hanut tal-ikel u ghalhekk din hija kwistjoni serja hafna ghax b'dan hija jkollha taghlaq. Mammano illi bdew ikomplu, ix-xoghlijiet tkomplew u kien qed jigi ggenerat ammont fenomenali ta' trab. Il-vent ta' barra li huwa vent tal-arja qatt ma kien jigi mghotti b'mod adegwat. Filfatt anki meta kienu qeghdin jahdmu qatt ma ghamlu l-*lawning* l-ahdar. Taht dan il-vent hemm il-kompressur tal-*air conditioning system* tar-restorant taghhom. Il-kompressur tant imtela' b'dan it-trab fin li naturalment l-*air conditioning* waqaf jahdem. Ix-xhud naturalment talbet ghal persuna biex tnaddfu ghax

kien qabel is-sajf, u filfatt ghamel gimgha pero' t-trabijiet kienu ghadhom ghaddejin u meta l-kuntrattur kien qed jigi mitlub sabiex jghatti l-vent mhux talli ma kienx jghattiha izda kienu tefghu xkora mimlija zrar jew materjal simili sabiex jghaddu l-karretta minn fuqha. Din il-borza tant kienet tqila li ghalqitilha l-arja u l-*airconditioning* waqaf jahdem kompletament.

Ix-xhud sostniet li dan ix-xoghol kien ilu ghaddej tliet snin pero' aktar kmieni dik is-sena kien hemm pressjoni sabiex ilestu. Hija *project manager* kwalifikata minn Londra u ghalhekk taf l-affarijiet b'mod tekniku. Spjegat illi bniedem gdid li kien jahdem maghhom il-Maltapost certu David Camilleri kien mar ghandha biex jipprova jtejjeb is-sitwazzjoni ghalkemm il-problema essenzjali kienet wahda tal-kuntratturi. Fost affarijiet ohra spjegat ukoll li kienu jibblokjawlha l-entratura tal-hanut b'erba' trakkijiet faccata u kien hemm xoghlijiet ta' krejns waqt li n-nies kienu qeghdin jieklu barra.

David kien talabha sabiex jghaddi d-drains tad-dranagg taghhom mill-kantina taghha. Hija spjegat illi filfatt biex tghaddi dawn id-drains li huma kbar irid ikun hemm certu pendil u ghalhekk fehmet minnufih illi ma kienux hadu l-mizuri biex jaghmlu dawn il-katusi tad-dranagg. Hija naturalment irrifjutat ghax dan huwa fond tal-ikel u ghalhekk huma bdew ihaffru l-entrata taghhom. Il-viti tal-ilma tal-*ground floor* tal-fond 135 kien hemm tnejn, wiehed ma' genb l-intrata u wiehed in-naha ta' wara u l-haddiema kienu intermettament ihallu l-ilma miftuh hiereg minn gol-barmil sejjer mal-art u huma skoprewhom ghaliex f'daqqa wahda fil-kantina taghhom kien hemm avalanche tal-ilma. L-ilma beda jidhol minn kullimkien, hija ppanikjat u ghamlet kuntatt ma' David. Darba minnhom kien sahansitra s-Sibt bil-lejl kien mara jara x'gara u fost affarijiet ohra jsib li hallew il-vit miftuh u peress li dan il-font huwa fuq il-kantina, malli taqla' l-madum li huma ghamlu biex ghaddew il-katusi t-torba meta' timxi fuqha, tibda ccaqlaq il-gebel li ssib tahtha u huma l-hin kollu kienu ghaddejin b'ammont

ta' xoghol bit-toqol ghaliex hija entrata. Il-kantina taghha filfatt hija arkata u s-samrotti li qabel kienu kollha *smooth* bdew ukoll jiccaqalqu. Dawn kollox jidher fil-videos u l-USB li kienet ha tesebixxi u qalet illi l-ilma li dahal ghamlilhom il-hsara f'certu affarijiet fil-kantina.

In-naha ta' gewwa fost affarijiet ohra huma kienu jzommu forn zghir spare u llikja l-ilma ghal go fih. Naturalment dan il-forn ixxortja. Il-fridge hija kollha sadid. Il-freezer minbarra sadid ghax kellha l-ilma fil-mutur, beda jaghmel is-silg. Hija stqarret illi fil-genb tal-kantina li tintuza bhala store, carrier bags li jgibu mill-Ingilterra li huma ghaljin immens gew distrutti. Dahal l-ilma wkoll fuq tikketti u tabelli tal-inbejjed li huma jzommu fil-kantina nkluz it-tikketti fuq xampanji li hija ghalja hafna u naturalment ma tkunx tista' tbieghhom.

Ix-xhud sostniet illi minkejja li huma kellhom dawn id-diversi hsarat u minkejja diversi rapporti li kienu qeghdin jaghmlu u d-diversi drabi kellhom icemplu lill-pulizija minhabba mblukkar tal-cranes u hsarat, minkejja li hemm il-kawza wkoll pendenti ghad hemm din l-atitudni tal-Maltapost u cioe' mill-kuntratturi taghhom. Hija spjegat illi x-shelving li ghandha huwa wkoll imsaddad. Ix-xhud esebiet stima li l-Qorti mmarkat bhala Dokument MF. Il-USB huwa esebit u mmarkat bhala Dokument MF 1.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Frar 2015 (fol. 32) li permezz tieghu innominat lil Ingineer Ryan Fava bhala Espert Tekniku sabiex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici u l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghal dak li jirrigwarda hsarat tal-appliances kif imsemmija minn Mona Farrugia fix-xhieda taghha u lil Perit Godwin Abela bhala Perit Tekniku sabiex bl-istess mod jiehu konjizzjoni tal-hsarat strutturali fil-proprjeta' tas-socjeta' attrici u dan provizorjament a spejjez tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li gietipprezentata fl-4 ta' Frar 2015 li permezz taghha esebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. MF2 kuntratt redatt min Nutar Marco Burlo datat 2 ta' Lulju 2011, Dok. MF3 stima datata 6 ta' Jannar 2015 u Dok. MF4 lista ta' fliexken ta' xorb.

Rat illi l-Esperti Teknici Perit Godwin Abela u Inginier Ryan Fava pprezentaw ir-rapport taghhom fit-23 ta' Jannar 2017, liema rapport gie kkonfermat bil-gurament minnhom fis-seduta tal-5 ta' April 2017.

Illi minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta illi l-esperti waslu ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"Illi fl-ewwel lok, fl-opinjoni taghhom, ma saret ebda hsara strutturali fil-fond tas-socjeta' attrici li setghet tigi attribwita ghal dawk ix-xogholijiet li ghamlet is-socjeta' konvenuta fil-fond taghha adjacenti mal-fond mikri minnha stess lis-socjeta' attrici.*

*Illi fit-tieni lok, fl-opinjoni taghhom dawk il-hsarat ikkonstatati mill-Perit Alan Saliba imqabbad mis-socjeta' attrici w anke minnhom fil-fond mikri lill-istess socjeta' attrici ma jistghux jigu kollha attribwiti lis-socjeta' konvenuta ghaliex, fin-nuqqas ta' condition report qabel ma nbdew ix-xogholijiet fil-fond tas-socjeta' konvenuta, ma jistax isir paragun ta' l-istat tal-fond mikri lis-socjeta' attrici qabel u wara li saru x-xogholijiet fil-fond tas-socjeta' konvenuta.*

*Illi fit-tielet lok, fl-opinjoni taghhom, gie stabbilit il-fatt li almenu f'okkazjoni wahda, thalla vit tal-ilma miftuh fil-fond tas-socjeta' konvenuta w li dan l-ilma dahal gol-kantina tal-fond tas-socjeta' attrici w kkawza certu hsarat fil-materjal u f'apparat prezenti fil-kantina. Fost dawn l-oggetti kien hemm fliexken tax-xorb li xxarbu w thassritilhom il-label tant li*

*ma setghux jigu mibjughin lill-klijenti, kif ukoll 'Convection Oven' li ma hadimx izjed.*

*Illi fl-opinjoni taghhom u tenut kont tal-fatt illi l-kantina hija miftuha ghall-elementi w allura soggetta ghall-livell ta' umdita' gholja, id-dhul tal-ilma f'lokazzjoni ta' meta thalla miftuh il-vit tal-ilma fil-fond tas-socjeta' konvenuta ikkawza certi hsarat sensjament fil-fliexken tax-xorb u fl-apparat tal-'Convection Oven', liema hsarat qed jigu likwidati fl-ammont ta' hames mija w dsatax il-ewro (€519) inkluz bil-VAT. Anness ma' dan ir-rapport jidher li forn simili bhala li kien inxtara bl-Invoice Number 082342.*

*Illi l-makkinarju l-iehor li nstab fuq is-sit (UPRIGHT FRIDGE AND FREEZER) ghadu jopera f'kundizzjoni tajba. B'referenza ghall-kumpressur ta' l-arja kondizzjonata li jinsab taht l-isprall huwa ndikat li dan huwa espost ghal diversi elementi li jistghu jkunu kkagunati mill-istess triq li jista' jaffetwa lill-istess kumpressur u mhux bilfors mis-sit tal-konvenuti.*

*Illi in segwitu ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta ghandha tigi ordnata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija w dsatax il-ewro (€519) hekk likwidata."*

**Mona Farrugia** xehdet in kontro-ezami quddiem il-Periti Teknici nhar it-30 ta' Ottubru 2015 fejn iddikjarat liema kienu d-dati tal-ingress tal-ilma u tenniet li skond id-djarju w l-messaggi mibghuta minnha kienu dawk tal-ahhar gimghatejn ta' Mejju 2014, fil-31 ta' Mejju 2014, fl-4 ta' Gunju 2014, fis-26 ta' Gunju 2014, fis-9 ta' Lulju 2014 u fil-11 ta' Lulju 2014. Spjegat li fil-gimghatejn li semmiet ma bghatitx messagggi pero cemplet lil David Mifsud u qaltlu li diehel l-ilma. Qalet wkoll illi r-ritatti sottomessi ghandhom id-data stampata. Meta mistoqsija ghall-forn li jintuza bhala back up u fejn jinsab il-forn l-iehor hija wiegbet li dan qieghed fuq il-premises u cioe fil-ground floor.

L-attrici fl-istess seduta giet prodotta in subizzjoni fejn qalet illi rigward l-ispezzjoni li riedu jaghmlu l-periti ta' Maltapost, hi ma kellha ebda stedina formali jew informali biex jidhlu fil-fond taghha. Qalet illi hi staqsiet lil John Cremona u li David Attard diversi drabi min kien il-perit inkarigat izda ma qalulhiex. Qalet wkoll illi l-meter tal-ilma qieghed hdejn il-bieb principali tal-fond. Hi m'ghandiex hazna ta' ilma f'xi tank, tuza biss l-ilma mill-main. Parti mill-kanen tal-ilma ghaddejjin minn taht il-madum waqt li ohrajn esposti fuq wara. Fil-kantina il-kanen kienu l-isfel fil-parti baxxa tal-hajt u taht minn fejn dahal l-ilma. Il-kanen tal-ilma saru qabel ma nfetah ir-restaurant. Il-kanen kienu saru tal-plastik. Kompliet tghid illi leakages ma kelliex. Qalet illi hi m'ghandix bitha fuq wara. Il-katusa tad-drenagg taghti direttament ghal got-triq, fil-fond hemm toilet wiehed fil-first floor. Il-katusa tinzel vertikalment imbaghad tohrog ghal barra.

**Mona Farrugia** regghet xehdet in kontro-ezami quddiem il-Periti Teknici nhar is-16 ta' Dicembru 2015 fejn qalet illi m'ghamlitx insurance claim dwar il-hsarat u lanqas dwar il-materjal l-iehor. L-ircevuti gew sottomessi fil-process. Mistoqsija jekk il-fliexken tax-xampanja kienux miksurin hija wiegbet illi dawn ma kinux prezentabbli ghal konsum tal-klijenti tal-post. Meta mistoqsija jekk it-total tad-danni mitlubin kienux inkluzi fl-ittra ufficjali mibghuta lis-socjeta' konvenuta fl-14 ta' Lulju 2014 hija qalet li le, mhux id-danni kollha kienu nkluzi. Kien zdied l-ammont wara li rceviet rcevuti varji u quotations biex tirrimpjazza l-affarijiet. Mistoqsija jekk tafx lil AIC Patrick Calleja qalet li iva, tafu w kazwalment staqsietu jekk kellux x'jaqsam mal-progett tal-Maltapost in kwistjoni w qallha li kellhu x'jaqsam mad-disinn tal-post.

Rat l-affidavit ta' **David P.Attard** ipprezentat quddiem il-Perit Tekniku nhar il-12 ta' Frar 2016 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur, senjatament "*Group Corporate Services Executive Director*" fi

hdan is-socjeta' Malta Post p.l.c. Bhala parti mill-'*Corporate Social Responsability'* li MaltaPost ghandha lejn il-komunita' Maltija, matul l-2014, il-kumpanija kienet qed taghmel xogholijiet ta' '***finishes***' fil-fond 135, Archbishop Street, Valletta sabiex il-post jigi kkonvertit f'muzew tal-posta sabiex jitgawda mill-pubbliku. Qal wkoll li l-proprjeta' bl-isem ta' Angelica, Archbishop Street Valletta li hija propjeta' biswit il-muzew hija illum wkoll propjeta' tal-Maltapost u li bhalissa din il-propjeta' hija mikrija lil Mona Farrugia Ltd.

Rigward l-allegat hsarat li saru fil-fond 134, Archbishop Street Valletta b'rizultat dirett ta' allegat dhul ta' kwantita' kbira ta' ilma ddikjara is-sussegwenti:

Waqt li kienu qed isiru xi xogholijiet ta' finishes , fil-fond tal-muzew kien hemm sors wiehed biss ta' ilma u dan kien vit li kien jinsab wara l-bieb ta' barra. Dan il-vit gie mnehhi minn wara l-bieb u mcaqlaq ghal gol-bitha interna tal-istess fond wara incident li gara fl-10 ta' Lulju 2014. F'dan l-incident jidher illi xi hadd dahal fil-muzew, fetah dan l-istess vit u hallieh miftuh. L-ahhar nies li kienu f'dan il-fond kienu zewgt impjegati ta' Philip Toledo Ltd, liema impjegati kienu 'alarm installers' u li kienu qed jahdmu fuq il-post jghaddu il-wiring tal-intruder alarm system fil-binja. Jidher illi sakemm marru bil-pass sabiex igibu il-vann minn fejn kien ipparkjat fil-Belt Valletta sabiex jghabbu l-ghodda u xi kaxxi tal-kartun minn gol-binja ghal gol-vann, xi hadd deher li fetah l-uniku vit tal-ilma fil-fond tal-muzew u li kien ezatt wara l-bieb ta' barra.

Kien ghal habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar ta' dik il-gurnata li rcieva telefonata minghand il-Perit Patrick Calleja (li huwa il-perit mahtur mill-kumpanija MaltaPost p.l.c sabiex jahdem fuq dan il-progett) fejn infurmah illi hu kien ghadu kif kien fuq il-post u li xi hadd kien halla l-vit tal-ilma wara l-bieb ta' barra fil-muzew miftuh. Huwa qallu wkoll li kienet

Mona Farrugia li dak il-hin kienet bil-qieghda barra qrib il-bieb principali tal-muzew li meta rat il-perit sejjer lejn il-bieb tal-muzew, infurmatu li kien hemm l-ilma hiereg. Il-Perit infurmah li ghall-ewwel haseb li kien hemm xi hsara fil-vit imma malli pprova jaghlaq il-vit dan mill-ewwel ghalaq normali u l-ilma waqaf. Huwa tkellem mal-haddiema ta' Philip Toledo Limited u dawn qalulu illi ma kinux huma li hallew il-vit miftuh.

Zied illi fl-istess gurnata ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar huwa kien infurmat minn Mona Farrugia li allegatament kien diehel l-ilma fil-kantina taghha. Huwa mmedjatament cempel lil John Cremona, il-Head tas-Support Services tal-MaltaPost u bghatu fuq il-post. Meta wasal, hu rraporta li ma kien hemm l-ebda ilma hiereg mill-uniku vit fil-binja tal-MaltaPost. John Cremona baqa hemmhekk fil-muzew u telaq minn fuq il-post ghal habta tal-erbgha u nofs u sa dak il-hin, il-vit ta' wara l-bieb kien maghluq u ma kien hemm l-ebda ilma hiereg minnu.

Qal illi l-ewwel rapport li hu qatt kien rcieva kien minghand Mona Farrugia fejn kien alleagat li kien diehel xi ilma fil-kantina Angelica. Kien xi gurnata jew tnejn qabel l-incident tal-31 ta' Mejju fejn fi ftit minuti minn meta infurmatu Mona Farrugia hu kien mar fuq il-post fejn sab pipe mqabbad temporanjament mal-vit ta' wara l-bieb u li kien qed jintuza mill-haddiema sabiex jimla' xi ftit ilma fuq il-bejt tal-binja u li dan il-pipe kien qed jillikja.

Dwar il-hsarat li allegatament sofriet Mona Farrugia Limited, qal illi fis-17 ta' Lulju 2014 MaltaPost p.l.c kienet giet notifikata b'ittra ufficjali mibghuta minn Mona Farrugia fejn hi kienet qed tippretendi s-somma li skond hi kienet certa likwida u dovuta ta' erbat elef, disgha mija, disgha u ghoxrin ewro (€4,929.08) bhala danni subiti minnha gewwa l-fond taghha. Din l-itrra ufficjali li kienet giet mibghuta skond l-artiklu 166A tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienet giet kontestata minn MaltaPost p.l.c. Huwa pprezenta kopja ta' din l-ittra flimkien man-nota li permezz taghha dik it-

talba giet kontestata. Dawn huma mmarkati komplessivament bhala Dok. “DPA1”. Kkonferma li apparti din l-ittra ufficjali u l-mandat ta’ sekwestru pprezentat fl-istess jum, sal-jum ta’ meta MaltaPost p.l.c giet notifikata bl-avviz promuntur ta’ din il-kawza. L-istess MaltaPost p.l.c. qatt ma rceviet xi talba ohra ghal hlas ta’ kwalsiasi ammont iehor jew ta’ kwalsiasi danni ohra in konnessjoni max-xogholijiet li MaltaPost p.l.c u l-kuntratturi minnha inkarigati kienu qed iwettqu fil-Postal Museum adjacent ghall-coffee shop li jismu ‘Angelica’.

Tenna jghid illi la Mona Farrugia u lanqas xi rapprezentant iehor ta’ Mona Farrugia Limited urew il-fliexken li kienu allegatament gew idannegjati u ghalhekk qatt me seta’ jikkonstata kemm kien hemm fliexken li setghu gew hekk dannegjati, x’kien hemm f’dawn il-fliexken u jekk kienx il-kaz li dawn kienu danneggjati minhabba xi ingress tal-ilma. Seta’ jghid pero’ meta eventwalment acceda ghall-kantina tal-fond Angelica, li l-fili kollha kienu miftuha u minghajr tikhil, hekk kif jidher mill-video pprezentat minn Mona Farrugia.

Xtaq wkoll izid illi certa Michelle Morissey gia Parnis Jackson kienet, permezz ta’ skrittura privata datata 2 ta’ Lulju tas-sena 2011, (Dok.“A”), kriet il-fond imsemmi f’din il-kawza (cioe’ dak bin-numru 134, Triq l-Aricisqof, Valletta, li prezentament jismu “Angelica”) lil Mona Farrugia Limited. Permezz ta’ kuntratti fl-atti tan-nutar Marco Buttigieg datata is-17 ta’ Marzu 2015 (Dok.“B”) l-imsemmija Michelle Morrissey gja Parnis Jackson bieghet u trasferit l-imsemmi fond bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha relattivi lis-socjeta’ Malta Post p.l.c u hemm cediet, a favur ta’ MaltaPost p.l.c., id-drittijiet u l-obbligi kollha spettanti lilha fir-rigward tal-kirja tal-fond jismu “Angelica”. L-imsemmi bejgh u cessjoni ta’ drittijiet ingiebu a konjizzjoni ta’ Mona Farrugia Limited permezz ta’ ittra ufficjali numru 1258/15 pprezentata minn MaltaPost p.l.c. fit-8 ta’ April 2015 li kienet debitament notifikata lis-socjeta’ Mona Farrugia Limited (Dok. “C”). Skond

il-kuntratt ta' kiri tat-2 ta' Lulju 2011 (Dok. "A") Mona Farrugia Limited kienet ukoll obbligata li zzomm l-intern tal-fond fi stat tajjeb ta' tiswija.

**David Attard** xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku nhar l-14 ta' April 2016 fejn qal illi l-haddiema li kienu fuq il-post fl-10 ta' Lulju 2014 huma l-haddiema ta' Philip Toledo. Qal illi din id-ditta nghatat ix-xogholijiet ghall-installazzjoni tas-sistema tal-alarms minghand il-MaltaPost. Ikkonferma illi f'okkazjonijiet precedenti l-attrici lmentat minn perkolazzjoni ta' ilma fil-fond taghha. Meta mistoqsi jekk kienx hemm okkazjonijiet precedenti fejn hu stess sab li kien hemm pajp li qed jillikja, hu qal illi kien hemm okkazjoni wahda u kien informa l-attrici.

Meta gie mistoqsi ghaliex ma hadux il-prekawzjonijiet mehtiega hu qal li l-vit in kwistjoni ma kellhu xejn hazin izda kien il-pajp li kien qed jillikja. Wara dak l-incident tal-10 ta' Lulju 2014, nehhieh u dahhlu fil-bitha biex ma jsibu hadd.

Rat l-affidavit ta' **John Cremona,** Head Support Services mal-MaltaPost p.l.c pprezentat quddiem il-Perit Tekniku nhar it-12 ta' Frar 2016 fejn huwa ddikjara li x-xoghol li sar fil-binja sar kollu skont kif titlob is-sengha. Kienu anke jiehdu hafna prekawzjonijiet sabiex joholqu l-inqas inkonvenjent lin-nies tal-madwar. Tenna jghid illi qatt ma tpogga xi pipe minn kuntratturi tal-MaltaPost li kien jitfa' l-ilma gol-vent tal-kantina tal-fond Angelica. Fl-ebda hin qatt ma kien hemm cirkostanzi fejn ifflodjat l-parti fejn hemm id-drenagg f'Angelica minhabba xogholijiet li kienu qed isiru mill-MaltaPost. Ma huwiex minnu li waqt ix-xogholijiet gie 'iggenerat ammont fenominali ta' trab'. Tant hu hekk li bhala finishes il-hitan ta' gewwa nksew kollha bil-'gypsum boarding'. Il-kuntratturi taghhom hadu prekawzjonijiet sabiex ma jaqawx affarijiet fil-vent tal-kantina li tigi mal-art, fil-bankina quddiem l-entratura tal-bieb tal-muzew. Jiftakar li meta sar hekk Mona Farrugia pprotestat u talbithom jikxfu il-vent minhabba li kien hemm l-air

conditioning unit. Qal illi meta sar ix-xoghol fuq barra, jigifieri fuq il-faccata, il-kuntrattur pogga 'lawning ahdar' u ha il-prekawzjonijiet kollha necessarji. Tenna li mhuwiex veru li tpoggiet xi xkora mimlija zrar li ghalqet l-arja tal-air conditioning. Filfatt nhar it-Tlieta 26 ta' Awissu, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar Mona Farrugia flimkien ma' impjegat taghha bl-isem ta' Chivu Cosmin Nicolae gabru din il-borza tal-plastik zghira u li kienet maghluqa u xehtuha gewwa il-fond taghhom b'tali mod li din kwazi laqtet lil impjegat tal-kuntrattur tal-lift tal-MaltaPost, li dak il-hin kien miexi gewwa l-fond tal-muzew.

Kull darba li ngabu xi ingenji fuq il-post dejjem kellhom il-permessi mehtiega. Zied illi dan seta jsir ghaliex ma kien hemm l-ebda permess tal-MTA ghall-imwejjed u s-siggijiet. Kompla jghid illi d-drenagg taz-zewgt siti kienu komuni u kien ghalhekk illi l-MaltaPost talbu sabiex jinbidlu l-katusi sabiex ikollhom sistema gdida. Lil Mona Farrugia kien kellimha David Attard izda din m'accettatx. Sostna illi viti tal-ilma fil-muzew kien hemm wiehed biss u dan ezatt wara l-bieb ta' barra. Dan il-vit gie mnehhi minn wara l-bieb u mcaqlaq ghal gol bitha nterna tal-istess fond wara ncident li gara fl-10 ta' Lulju 2014. Dik il-gurnata kien cempillu David Attard ghall- habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fejn infurmah li Mona Farrugia kienet allegat mieghu li kien diehel xi ilma fil-kantina taghha. Hu kien fuq xoghol iehor il-Furjana u mar minnufih fuq il-post il-Belt.

Meta wasal, ma kien hemm l-ebda ilma hiereg mill-uniku vit fil-binja tal-MaltaPost. Dak il-hin giet ukoll Mona Farrugia li qabdet u dahlet gewwa l-muzew u bdiet tghajjat u xxejjer idejha ma' wiccu. Hu baqa' kalm u ma kellimiex. Zied ukoll illi hu baqa' l-muzew sa xi l-erbgha u nofs ta' dik l-istess gurnata. Dan meta fuq il-post l-ahhar kuntratturi li kien hemm, kienu zewg impjegati ta' Philip Toledo Ltd li kienu spiccaw il-hidma tal-gurnata fuq il-post. Huma kienu qed jaghmlu xoghol ta' 'alarm installers' billi kienu qeghdin jghaddu il- wiring tal-intruder alarm system. Meta telaq minn fuq

il-post ma kien hemm l-ebda vit miftuh u l-ebda ilma niezel minn go dan il-vit. Iktar tard filghaxija huwa gie nfurmat minn David Attard illi Patrick Calleja, il-Perit inkarigat mill-finishes tal-binja, waqt zjara ghal gharrieda li ghamel fuq il-post f'xi l-hamsa kien irraporta incident separat fejn jidher illi xi hadd mhux maghruf fetah il-vit ta' wara l-bieb tal-muzew u hallieh miftuh.

John Cremona jiftakar illi dakinhar informa lil David Attard li l-ahhar nies li halla fuq il-post kienu mpjegati ta' Philip Toledo. Attard kien infurmah illi sakemm dawn il-haddiema marru bil-pass sabiex igibu l-vann minn fejn kien ipparkjat sabiex jghabbu l-ghodda, xi hadd mhux maghruf jidher li fetah l-uniku vit tal-ilma fil-fond tal-muzew li kien wara l-bieb ta' barra u halla l-ilma niezel. David Attard infurmah ukoll li Patrick Calleja kien qallu li kienet Mona Farrugia li dak il-hin kienet bilqieghda qrib il-bieb principali tal-muzew, li meta rat il-perit sejjer sabiex jidhol fil-muzew infurmatu li kien hemm l-ilma hiereg. Kien wara dan l-incident illi caqalqu l-vit ta' wara l-bieb ghal gol-bitha interna tal-binja l-ghada stess ghax issuspettaw li seta' dahal xi hadd u fetah l-ilma. Zied illi Mona Farrugia qatt ma tat access lilu jew lil perit tal-kumpanija sabiex isir survey tal-post qabel inbdew ix-xogholijiet.

**John Cremona** xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku nhar l-14 ta' April 2016 fejn b'referenza ghall-affidavit tieghu fejn kien qal li fl-10 ta' Lulju 2014 kien hemm haddiema fuq il-post li telqu biex imorru jgibu xi affarijiet mill-van u meta mistoqsi jekk il-post thallix wahdu, hu qal illi sakemm kien hemm hu kien hemm wkoll il-haddiema ta' Philip Toledo.

Rat l-affidavit tal-**Perit Patrick Calleja** pprezentat quddiem il-Perit Tekniku nhar il-12 ta' Frar 2016 fejn hu iddikjara li huwa jippratika ta' Perit u li l-ufficju tieghu jinsab Manol Mansion 1, De Paule Avenue,

Balzan. Hu kien imqabbad minn MaltaPost biex jissorvelja l-ahhar xogholijiet fil-muzew il-gdid tal-Posta f'Archbishop Street, Valletta.

Qal li meta kien qed isuq ghal Archbishop Street bil-mutur tieghu ghall-habta tal-hamsa u hamsa ta' wara nofsinhar ta' l-10 Lulju 2014, huwa nnota li l-katnazz ta' mal-bieb tal-muzew ma kienx hemm u l-bieb kien kemm, kemm imbexxaq. Ix-xogholijiet fil-muzew ma jsirux f'dak il-hin ghalhekk hu ddecieda li jinzel jara jekk kienx hemm xi haga mhux flokha. Huwa pparkja il-mutur ftit passi 'l boghod mill-kafeteria u sakemm kien miexi lejn il-muzew, Ms Mona Farrugia li kienet bilqieghda titkellem ma' xi nies ohrajn li kienu barra, qamet tigri u ddiregitu ghal bieb tal-muzew, waqt li bdiet taghmel gesti u tghidlu biex imur jara x' kien gara u x'kienu ghamlulha. Il-muzew huwa adjacent mal-fond Angelica, il-coffee shop imexxi minn Mona Farrugia. Hi mbuttat u fethet il-bieb u mmedjatament ppuntat lejn pipe qasir tal-ilma li kien ikkonektjat mal-meter. L-ilma kien hiereg minn gol-pipe. L-ewwel impressjoni tieghu kienet li valv kien difettuz ghaliex il-lever deher li ma kienx f'pozizzjoni tajba izda malli hu dawwar il-lever bil-mod f'pozizzjoni ta' 90 grad, l-ilma waqaf milli johrog u lanqas ma baqa' jqattar.

Huwa mmedjatament staqsa lil Mona ghalfejn hi ma m'ghalqitux, ghaliex mir-reazzjoni taghha kif ratu kien jidher illi kienet taf li l-ilma kien hiereg mill-pipe. Hi ma wegbitux u telqet minn fuq il-post. Hu hareg barra warajha izda hi qaltlu biex imur ma' wiehed mill-waiters biex jara l-basement, kif filfatt ghamel. L-ilma kien qed iqattar mill-aktar parti tas-saqaf vicin tat-triq.

Hu tela' fuq u mar gewwa l-muzew biex jiccekkja min kien ghadu jahdem fuq is-sit. Hu beda jghajjat minn isfel izda hadd ma rrisponda, ghalhekk mexa 'l fuq lejn it-tarag principali b'direzzjoni lejn l-ewwel sular. Waqt li kien tiela ghat-tieni sular sema' l-bieb ta' quddiem tal-metall izaqzaq u

haseb li xi hadd seta' kien nizel mill-garigor ta' wara il-bieb (sakemm huwa tela' mit-tarag principali) u kien qed isakkar il-bieb. Ghalhekk huwa gera' lejn l-aktar gallarija vicin u ra zewg persuni jgorru xi kaxxi go vann zghir. Hu beda jghajjtilhom u jghidilhom biex jistennewh. Hu mar isfel u sab li dawn kienu l-installaturi ta' Philip Toledo li kien gie inkarigat biex jaghmel xi xoghol fuq is-sit. Huma qalu li kienu qeghdin jahdmu hemm izda kienu telqu biex jgibu l-vann halli jgorru xi kaxxi fih. Wiehed minnhom qal li huma hargu biss ghal kwarta pero' u kien cert li l-pajp tal-ilma ma kienx qieghed jillikja. Dan qallu li meta huma hargu mill-bieb principali bexxquh bil-mod minhabba li huma ma kellhomx cavetta. Filfatt hu kien halla l-kaxxi fil-kuritur biex jigborhom wara li jigu bil-vann fuq is-sit. Wara huma telqu u hu sakkar il-bieb ta'quddiem.

Hu cempel lil Mr.David Attard, wiehed mid-diretturi tal-MaltaPost li kien responsabbli mill-progett tal-muzew biex jinfurmah x' kien gara. Hu qallu li Ms.Farrugia kienet cemplitlu aktar kmieni, warnofsinhar f'dik l-istess gurnata fejn qaltlu li kien hemm ilma jillikja gol-basement taghha. Hu qallu li immedjatament kien cempel lil John Cremona (il-manager tal-progett tal-MaltaPost) li mar il-muzew fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar ta' dak il-jum stess biex jiccekja, pero' ma kien sab l-ebda ilma jillikja. Mr. Attard kien qallu li Mr.Cremona qaghad il-muzew sa xi l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar. L-ahhar xogholijiet dejjem saru b'kompetenza u minn kuntratturi specjalizzati konformi ma'proceduri standard. Laqghat fuq is-sit kienu jsiru regolarment darba fil-gimgha mal-kuntratturi kollha u ta' kuljum b'mod anqas formali.

**Patrick Calleja** xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku nhar l-14 ta' April 2016 li b'referenza ghall-affidavit tieghu huwa qal li fl-10 ta' Lulju 2014 huwa kien mar fuq il-post de quo u ra l-ilma hiereg minn pajp, huwa kkonferma li hekk hu, kif ukoll haseb li kien hemm xi hsara fil-valve. Meta saritlu referenza ghall-fatt li huwa kien qal lil attrici ghaliex ma ghalqitx il-

vit meta rat l-ilma hiereg huwa wiegeb li hekk hu. Hu kien issopona li l-attrici kellha taghlaq il-vit u mistoqsi jekk l-attrici kinitx mieghu meta ghalaq il-vit huwa wiegeb li hi kienet hdejh. Ikkonferma li l-vit kien gol-propjeta' tal-MaltaPost adjacenti ghall-fond mikri lill-attrici. Mistoqsi jekk il-vit inkwistjoni jinstabx direttament fuq il-kantina tal-attrici huwa wiegeb iva u kkonferma li fl-art kien hemm biss torba. Mistoqsi jekk dak iz-zmien kienx hemm l-electricians, hu qal illi meta mar ma kien hemm hadd. Ftit wara dahlu n-nies ta' Philip Toledo li kienu marru jgibu t-trasport biex igorru xi kaxxi.

Rat l-affidavit ta' **Mark Apap** ipprezentat quddiem il-Perit Tekniku nhar il-11 ta' Marzu 2016 mmarkat bhala Dok D fejn huwa ddikjara illi huwa mpjegat ma' PTL Company Limited, liema ufficju jinsab Valletta Road, Marsa. Precedentament il-kumpanija kien jisimha Philip Toledo Limited. Il-kumpanija li jahdem maghha tqabbdet minn MaltaPost plc biex taghmel xi xoghol fil-muzew tal-posta li jinsab 135, Archbishop Street, Valletta. Ix-xoghol li kienu gew inkarigati biex jaghmlu kien l-installazjoni tal-intruder alarms f'dak il-fond. Huma qatt ma ghamlu xi xoghol ta' thaffir jew xoghol konness ma' ilma jew pajpijiet tal-ilma. B' referenza ghal dak li qed jinghad li gara fl-10 ta' Lulju 2014 u cioe' meta kien hemm ingress tal-ilma fil-fond Angelica, cioe' il-fond ta' taht dak fejn kienu qeghdin jahdmu , hu jiddikjara li kien qed jahdem mal-kollega tieghu Nenad Mladenovic (ukoll impjegat ta' PTL Ltd) u qal illi huma kienu hallew l-ghodda taghhom wara l-bieb ta' barra tal-muzew tal-Posta sakemm gabu l-vettura hekk kif spiccaw mix-xoghol ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm). Dan ghaliex l-ghodda kienu tqal wisq sabiex igorruhom sal-vettura.

Sakemm hargu ghall-vettura taghhom hallew il-bieb imbexxaq (fis-sens li gibduh izda ma sakkruhx – ghaliex ma kelhomx cavetta ghal-katnazz. Hu ddikjara li l-ghalkemm kien hemm vit wara l-bieb ta' barra l-art kienet kollha xotta. Seta' jghid dan b'certezza ghaliex huma kieku ma kinux ser

ihallu l-ghodda wara l-bieb ta' barra ghaliex kieku zgur kienu jixxarbu, haga li ma sehhitx. Zied jghid wkoll illi huma dejjem joqghodu attenti f'xogholhom u li huma ghamlu xogholhom skond kif titlob is-sengha u l-arti.

**Mark Apap** xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku nhar l-14 ta' April 2016 fejn wiegeb illi b'referenza ghall-affidavit tieghu jekk hux minnu li huma qatt m'ghamlu xoghol konness mal-ilma huwa qal li le, huma qatt m'ghamlu xoghol konness mal-ilma. Meta nghad lilu li David Attard xehed li fil-31 ta' Mejju 2014 kien hemm pajp imqabbad mal-vit li kien qed jintuza biex jimtela' l-ilma fuq il-bejt tal-binja, qal li dan mhuwiex korrett. Mistoqsi wkoll jekk fl-10 ta' Lulju 2014 kienx fuq il-post mal-kollegi tieghu huwa qal li kien hemm wkoll. Tenna li huma telqu minn fuq il-post biex igibu xi affarijiet. Mistoqsi jekk hallewx il-bieb miftuh u cioe' mhux imsakkar sakemm marru jgibu l-vann biex jghabbu l-ghodda, hu wiegeb li iva hallewh miftuh ghal ftit zmien hafna sakemm telaw fejn il-Bank Centrali fejn kienu pparkjaw il-vann. In Ri-ezami huwa kkonfetma li ma jafx kienx prezenti fil-31 ta' Mejju 2014.

Rat l-affidavit ta' **Nenad Mladenovic** ipprezentat quddiem il-Perit Tekniku nhar il-11 ta' Marzu 2016 mmarkat bhala Dok E fejn ddikjara illi huwa mpjegat ma' PTL Company Limited fejn l-ufficju jinsab Valletta Road, Marsa. Precedentament il-kumpanija kien jisimha Philip Toledo Limited. Il-kumpanija li jahdem maghha tqabbdet minn MaltaPost plc biex taghmel xi xoghol fil-muzew tal-posta li jinsab 135, Archbishop Street, Valletta. L-uniku xoghol li kienu nkarigati li jaghmlu kien l-installazjoni tal-intruder alarms f'dik il-binja. Huma qatt ma ghamlu xi xoghol iehor hemmhekk. B' referenza ghall-allegat ingress tal-ilma fil-propjeta' ta' taht il-muzew fl-10 ta' Lulju 2014, hu ddikjara li certament ma kienx hemm xi ilma mal-art jew xi ilma hiereg mit-tap vicin il-bieb ta' quddiem. Hu kien qed jahdem hemm flimkien mal-kollega Mark Apap. Huma kienu hallew il-bieb imbexxaq

sakemm kienu jmorru jgibu l-ghodda mill-vann li kienu tassew tqal. Hu ddikjara li l-art ta' hdejn il-bieb ta' barra kienet xotta ghaliex kieku ma kinitx xotta, huma ma kinux se jpoggu l-ghodda mal-art sakemm igibu l-vann xi l-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm). Huma ghalqu l-bieb izda ma sakkruhx minhabba li ma kellhomx cavetta ghal katnazz. Zied jghid wkoll illi huma dejjem joqghodu attenti f'xogholhom u li huma ghamlu xogholhom skond kif titlob is-sengha u l-arti.

**Nenad Mladenovic** xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Tekniku bil-lingwa Ingliza trodotta ghall-Malti mill-Qorti nhar l-14 ta' April 2016 fejn huwa kkonferma li fl-10 ta' Lulju 2014 huma telqu mill-binja u hallew il-bieb imbexxaq u li huma telqu minn hemm ghal madwar hmistax u tletin minuta.

**Perit Godwin Abela u l-Inginier Ryan Fava** xehdu nhar il-5 ta'April 2018 u kkonermaw ir-relazzjoni taghhom esebita fl-atti a fol. 66. Minn esami ta din ir-relazzjoni jirrizulta is segwenti:-

Illi mill-atti tal-kawża jirriżultaw il-fatti ewlenin li sejrin issa jissemmew.

1. L-attriċi kriet l-fond 134 Archbishop Street, Valletta permezz ta' skrittura privata datata 2 ta' Lulju 2011 ghall-perjodu ta' hdax-il sena, liema perjodu beda jiddekorri nhar it-13 ta' Awwissu 2011 (Dok MF 2 a fol. 36).
2. Illi l-hsarat li qed tilmenta minnhom saru tul din il-kirja u ghalhekk hija hi li sofriet d-danni reklamati minnha f'din il-kawza.
3. Illi hija pprezentat ir-rapport imhejji mill-perit ex parte taghha Alan Saliba (Dok AS fol. 13) u hemm indikat id-danni li fil-fehma tieghu sofriet s-socjeta' attrici bhala rizultat tax-xoghlijet li ghamlu l-konvenuti.
4. Illi it-talba taghha hi bazata proprju fuq dan ir-rapport.

5. Illi s-socjeta' konvenuta qed tghid li filwaqt li s-socjeta' attrici ghandha tipprova l-interess guridiku taghha, hija m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-allegati danni subiti minnha stante li x-xoghol li ghamlu huma sar skond is-sengha u l-arti u li t-talba tas-socjeta' attrici hija intempestiva.
6. Illi permezz ta' nota ta eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Dicembru 2014, is-socjeta' konvenuta kienet eccepiet ukoll li s-socjeta' attrici mhix il-legittma kontradittrici f'din il-kawza.
7. Illi s-socjeta' attrici kienet ipprezentat ittra ufficcjali kontra s-socjeta' konvenuta nhar il-14 ta' Lulju 2014 dwar il-hsarat li allegatament sofriet liema ittra giet notifikata lis-socjeta' konvenuta fis-17 ta' Lulju 2014.
8. F'din l-ittra is-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma li skond hi kienet certa likwida u dovuta ta' erbat elef, disgha mija, disgha u ghoxrin ewro (€4,929.08) bhala danni subiti minnha gewwa l-fond taghha.
9. Illi din l-ittra ufficjali li kienet giet mibghuta lis-socjeta' konvenuta skond l-Artiklu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienet giet kontestata minn MaltaPost p.l.c. fid-29 ta' Lulju 2014 (fol. 100) .
10. Illi in segwitu is-socjeta' attrici pprezentat ukoll madnat ta' sekwestru kontra l-konvenut ghall-istess somma liema mandat igib in-numru 1485/14 fl-ismijiet premessi.
11. Illi peress li l-socjeta' konvenuta ma hallsux is-somma mitluba is-socjeta' attrici fetħet din il-kawża f'Awwissu tas-sena 2014.

**Perit Godwin Abela u l-Inginier Ryan Fava** regghu xehdu nhar il-21 ta' Gunju 2017 fejn iddikjaraw li huma gew notifikati bid-domandi li saru lilhom minn Dr.Veronique Dalli li qed tidher ghas-socjeta' attrici u qalu li huma kienu f'pozizzjoni li jesebixxu r-risposti taghhom ghal dawn l-istess domandi.

Illi in eskussjoni il-**Perit Godwin Abela u l-Inginier Ryan Fava** kkonfermaw is-segwenti fatti fuq domani ulterjuri li saru lilhom mill-avukat ta' l-istess socjeta' attrici (fol. 158):

1. Mill-provi gie accertat li l-vit tal-ilma thalla miftuh jew infetah darba biss, (minkejja li l-ingress kien konsiderevoli) kuntrarjament ghal dak li xehdet l-attrici li l-ilma dahal ghandha diversi drabi.
2. Illi t-tixrib fis-saqaf tal-first floor u t-tikek fit-travu tal-hadid m'humiex rizultat tal-ilma li hareg mill-vit li thalla miftuh jew li nfetah.
3. Illi l-ingress tal-ilma fil-kantina seta' jikkawza biss hsara fl-apparat u l-materjal bhal fliexken tax-xorb. Pero' s-socjeta' attrici ma pprezentatx talba dwar dawn il-fliexken. La stqarret kemm kien hemm fliexken, la tat il-valur taghhom la pprovdiet invoice dwarhom xejn minn dan. Illi pero' l-Qorti tissollevali dan mhux minnu stante li a fol. 44 fl-atti mmarkat bhala Dok MF4 hemm dokument li jindika b'mod dettaljat il-fliexken li gew distrutti bil-kwantita' u valur taghhom, liema dokument ma giex kontestat fl-ebda hin mis-socjeta' konvenuta.
4. Hsarat fl-istruttura ma gewx rilevati tenut kont tal-eta' tal-binja.
5. Illi kien biss il-*convection oven* li fil-fatt gralu hsara bhal *appliance* liema hsara hija irreparabbli waqt li l-apparat l-iehor ghadu jahdem.
6. Illi huma ma jeskludux hsarat lokalizzati bhala rizultat ta' xoghljiet fil-fond adjacenti pero' kien ikun ferm aktar ghaqli kieku sari l-condition report sabiex jigi stabbilit bi precizjoni liema huma dawk il-hsarat attribwibbli ghas-socjeta' konvenuta.

Illi din hija azzjoni dwar ħsara minħabba trab u dħul ta' ilma waqt li kienu għaddejjin xogħlijiet li saru f'post li jmiss ma' post ieħor u kif ukoll azzjoni għal-likwidazzjoni minħabba l-hsara li allegatament sofriet is-socjeta' attrici minhabba dan l-ingress u minhabba ix-xoghol hazin li sar fil-proprjeta' tas-socjeta' konvenuta .

Is-socjeta' attrici, bħala inkwilna tal-fond "Angelica', Archbishop Street, Valletta tgħid li waqt li s-socjeta' konvenuta kienet qed taghmel xogħlijiet ta' bini f'sit li jmiss mal-fond mikri lilha, saret ħsara fi ħwejjiġha meta beda dieħel l-ilma mill-vit li kien hemm fl-entratura tal-fond proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u saret ħsara fl-*appliances* u fil-labels tal-fliexken tax-xorb li kien hemm fil-kantina taghha. Is-socjeta' attrici trid li l-Qorti ssib li l-imħarrek jitqies fi ħtija għal dak li ġralha u talli kellha tidħol f'nefqa biex taghmel tajjeb ghad-danni li sofriet.

Illi l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li huwa kien b'xi mod jaħti għal xi danni li s-socjeta' attrici qed tgħid li ġarrbet u fil-provi li ressaq saħaq li kulma sar kien skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila u b'ħarsien tal-permessi kollha maħruġa mill-awtorita' kompetenti u taħt il-ħarsien ta' perit arkitett ta' ħila mqabbad għal dan il-għan.

Dwar id-dħul tal-ilma fil-post tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta stqarret tramite ix-xhud taghha il-Perit Patrick Calleja li l-vit thalla miftuh jew infetah ghad insaputa tieghu li kien qed jiehu hsieb il-progett. B'hekk qal li s-socjeta' konvenuta ma kienet bl-ebda mod marbuta li jagħmel tajjeb ghad-dannu mġarrab mis-socjeta' attrici, li fil-fehma tieghu dak li qed jintalab mnnha hi somma eżaġerata.

Illi mir-riassunt tas-suespost jirrizulta li l-kwistjoni bejn il-kontendenti kienet wahda ta' natura teknika u kien ghalhekk din il-Qorti innominat lill-Periti Teknici Perit Godwin Abela flimkien mal-Inginier Ryan Fava sabiex jiehdu konjizzjoni tat-talba attrici u r-risposta tas-socjeta' konvenuta.

Illi l-Qorti sejra l-ewwel nett tgħaddi biex tqis l-azzjoni attriċi dwar l-allegati danni mġarrba fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin dwarha. Biex tagħmel dan, u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ, jeħtiġilha tqis sewwa l-kostatazzjonijiet ta' għamla teknika li tabilfors jiddominaw il-kwestjoni.

*"In-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta' dannu mġarrab marbut max-xilja li l-imħarrek jaħti għal dan id-dannu. Il-parametri ta' azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbilta' ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa"*[1];

Illi huwa prinċipju stabbilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[2], u li jitqies fi ħtija kull min, f'egħmilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[3]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[4]. Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[5];

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għemil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-egħmil jew ta' dik l-omissjoni[6]. Għar-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li s-socjeta' attrici ġarrbet l-ħsarat li minnha tilminta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li l-imħarrek kien jaħti għalihom. Din ir-rabta ta' kawżalita' bejn l-egħmil (jew l-omissjoni) tal-parti u l-effetti mġarrba hija s-sies tal-azzjoni mressqa mis-socjeta' attrici;

---

[1] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et
[2] Art. 1031 tal-Kap 16
[3] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[4] Art. 1033 tal-Kap 16
[5] Art. 1029 tal-Kap 16
[6] App. Ċiv. Inf. 23.6.2004 fil-kawża fl-ismijiet Ġiovanni Vella et vs Michael Ċilia

Illi s-socjeta’ attrici tibni l-azzjoni tagħha għad-danni fuq iċ-ċirkostanza ewlenija li l-imħarrek naqas li jara li waqt li kien qed jaghmel xi xoghol fil-prorpjeta tieghu li ma ssirx ħsara fi ħwejjiġha. Hija issostni li kien minħabba dan in-nuqqas fis-sengha u l-arti tax-xoghol esegwit mis-socjeta’ konvenuta li daħal l-ilma u hafna trab fi ħwejjiġha u saret il-ħsara fl-appliances taghha kif ukoll fl-istruttura u fliexken tax-xorb li kien hemm fil-kantina;

Illi, min-naħa tiegħu l-imħarrek jiddefendi ruħu billi jghid li mhux responsabbli ghall-allegati danni li ma sarux tort tieghu apparti l-eccezzjonijiet ta’ procedura.

Illi l-periti teknici maħtura mill-Qorti kienu tal-fehma li l-imħarrek jaħti għal dak li ġralha s-socjeta’ attrici fi ħwejjiġha b’certu kawtela u cioe’ ghal dak li jirrigwarda biss il-hsara fuq l-forn u semmai l-hsara fuq il-labels tal-fliexken tax-xorb li kien hemm fil-kantina. Dan waslu għalih għaliex sabu li mill-provi mressqa l-ilma daħal fil-fond tas-socjeta’ attrici kien minħabba li kien hemm vit li thalla miftuh jew infetah fil-proprjeta tas-socjeta’ konvenuta u l-ilma ippenetra ghal ghand is-socjeta’ attrici.

F’qagħda bħal din, titnissel dik li tissejjaħ “*in-natura oġġettiva tar-responsabbilta*’” li tinbena fuq ir-responsabbilta’ li kull sid ta’ proprjeta’ titfa’ fuqu l-liġi biex iħares u jikkontrolla ħwejġu kif imiss. F’dan ir-rigward, ingħad ukoll li “*ġaladarba teżisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu nnifsu kriterju ta’ responsabbilta’, in kwantu jimponi fuq min għandu d-disponibilita’ tal-fond, sija materjali, sija ġuridika, ir-responsabbilta’ għas-seħħ ta’ ċertieventi determinanti.*

*Dan ukoll indipendentement mir-riċerka tan-ness kawżali bejn xi kondotta negattiva tiegħu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruħu. Anzi, dejjem fil-każ tal-ispeċje hawn eżaminat, strettament id-danneġġat mhux tenut*

*jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuża f'min iġib fis-seħħ l-event dannuż u, kważi kważi, din hi irrilevanti in kwantu hi lanqas ma kellha id-dritt li taċċedi fil-fond li minnu oriġinat il-ħsara u, allura, teżisti anke d-diffikulta' estrema li hi tipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond*".[7]

Illi għalhekk il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni tajba għaliex ma jmisshiex toqgħod fuq il-kostatazzjonijiet tal-periti maħturin minnha u ma hemmx raġunijiet li fuqhom imissha, kif jissuġġerixxi l-imħarrek, titbiegħed minnhom[8]. Il-fehmiet tagħhom, minbarra li jaqblu, huma mfissra b'mod tajjeb u ċar biżżejjed biex il-Qorti tgħarbel liema, mill-verżjonijiet tal-partijiet, tista' toqgħod fuqha u liema huma dawk iċ-ċirkostanzi fattwali li fuqhom tista' tasal għall-konvinċiment tagħha.

Huma wkoll fehmiet li la huma kontra r-raġuni u lanqas imorru kontra xi dispożizzjoni tal-liġi;

Illi fir-rigward l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u cioe' li s-socjeta' attrici ghandha tipprova l-interess guridiku taghha biex ipproponiet il-kawza odjerna jirrizulta li s-socjeta' attrici hija l-inkwilina tal-fond mikri lilha minn terzi.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Carmelo sive Charles Grech u martu Josephine vs L-Avukat Michelle Tabone fil-kwalita` taghha ta' Ekonomu tal-Beni Ekklesjastici ta' l-Arcidjocesi ta' Malta, id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt, u r-Registratur ta' l-Artijiet'** deciza nhar 31 ta' Jannar 2011 fejn ghamlet referenza ghal sentenza moghtija minnha stess fl-ismijiet **Maria Tabone et vs Joseph Schembri** deciza fit-30 ta' Jannar 2007 fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:

[7] App. Inf. PS 23.4.2010 fil-kawża fl-ismijiet GasanMamo Insurance Ltd noe vs Doreen Vella et
[8] Art. 681 tal-Kap 12

"*Dwar il-kuncett ta' l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li fl-ismijiet* ***__Giulia Maria Millard vs George Said et noe__*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-III- 299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***__Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et nomine__*** *deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi[9]. Il-Mattirolo f'dan ir-rigward jispjega li:

"*L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*"

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

---

[9] Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cioe' jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt[10].

Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey**, Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin**, Prim'Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill- Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

[10] Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe** deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:

- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm mhux wiehed materjali biss.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kawza odjerna jirrizulta li s-socjeta' attrici hija l-inkwilina tal-fond li allegatament sofriet danni bhala rizultat tax-xoghol ta' kostruzzjoni li ghamlet is-socjeta' konvenuta fil-fond adjacenti kif ukoll ta' perkolazzjoni tal-ilma fl-istess fond tas-socjeta' attrici u hu dan l-interess li hija ghandha li tara li tigi kumpensata ghall-pregudizju li hija sofriet billi tithallas ta' dawk d-danni li talvolta jigu likwidati. Zgur ghalhekk li s-socjeta' attrici ghandha interess guridiku u din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta kif moghtija minnha nhar it-2 ta' Dicembru 2014 li s-socjeta' konvenuta mhix il-legittima kontradittrici jinghad is-segwenti:

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti** fejn inghad:

*"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partiiiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."*

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

"*...il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet Frank Cilia noe vs Charles Scicluna deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima*** *deciza fit-30 ta' April 1992*[11]:

"*Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*

*Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni; Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tarregola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.*

*Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede."*

[11] Vol. LXXVI iv 677.

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti,** il-Qorti ta' l-Appell[12] gie ritenut ukoll li,

"*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta'` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa konnoxxenza tas-socjeta'` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta* (**John Vella noe v. Anthony Vella et**, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."

U aktar tard ziedet li:

"*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju* (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999)."

Mis-suespost jemergu dawn il-principji:

- normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu;
- Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;
- fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz;

[12] 20 ta' Ottubru 2003

- kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita in buona fede;
- min innegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku li f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata;

Illi fil-kaz in desamina jirrizulta li l-fond huwa mikri lis-socjeta' attrici u li ir-relazzjoni taghha kienet ma' sid il-fond sovrapost u cioe' tal-fond 135 Archbishop Street li skond il-kuntratt esebit fl-atti, il-fond 134 Archbishop Street Valleta jappartjeni lis-socjeta' konvenuta kif jirrizulta bic-car mid-dokumenti esebiti fl-atti. Ghalhekk m'hemmx dubbju li r-relazzjoni guridika hija wahda bejn il-kontendenti u konsegwentement din it-tieni eccezzjoni wkoll qed tigi respinta.

Dwar it-tielet eccezzjoni u cioe' li l-azzjoni hija intempestiva jinghad li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tali eccezzjoni hija ghal kollox inammissibbli ghaliex kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet '**Atlas Insurance Agency Limited v. Sea Malta Company Limited et**', Citaz. Nru. 1263/00 deciza fid-29 ta' Ottubru 2002, eccezzjoni ta' intempestività minhabba nuqqas ta' sejha ghall-hlas qabel ma tinfetah il-kawza ma hijiex ammissibbli ghaliex, hlief fil-kaz ta' kawzi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubblici ohra, ma hijiex mehtiega sejha ghall-hlas qabel il-kawza u eccezzjoni fis-sens li l-attur ghandu jigi akkollat l-ispejjez giudizzjarji – imqar in parti – ghax ma jkunx ghamel interpellazzjoni ghall-hlas qabel il-kawza ikollha meritu li kieku l-konvenut ammetta t-talbiet attrici u ghalhekk il-kawza tkun saret ghal xejn ghax kien jammetti qabel li kieku qabel il-kawza saritlu talba ghall-hlas.

Illi di piu' fil-kaz in desamina is-socjeta' attrici kienet sahansitra anke pprezentat ittra ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A fejn talbet lis-socjeta' konvenuta tersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnha u inoltre

kienet ipprezentat ukoll mandat ta' sekwestru fil-konfront taghha. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta' konvenuta issa tghid li l-azzjoni hija intempestiva meta ipprovat tasal ghal arrangmaent qabel ma fethet l-kawza billi ipprezentat l-ittra ufficcjali. Ghalhekk l-azzjoni tas-socjeta' attrici kienet wahda li timmerita konferma u dan ghaliex saret fiz-zmien biex tikkawtela d-drittijiet taghha li tigbor dak li hu dovut lilha qabel ma' azzjoni bhal din taqa' preskritta. Il-kawza ma kinitx rizultat ta' xi sorpiza u dan ghaliex is-socjeta' attrici kienet gja gharfitha bl-ilment taghha kemm verbalment kif ukoll bil-miktub. Din l-eccezzjoni hija wkoll respinta.

Jibqa' ghalhekk l-ahhar eccezzjoni dwar il-mertu u cioe' jekk hix is-socjeta' konvenuta li ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni kolha li s-socjeta' attrici qed tirreklama.

M'hemmx dubju li għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mġarrba jingħad li din hija l-konsegwenza diretta mas-sejbien tal-ħtija ghalkemm in parte.

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' Perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' Espert Tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**" irriteniet li:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma*

*kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qortima kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet grosso modo sfavorevoli ghas-socjeta' attrici, dan ghazlet li ma tressaqx talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u llimitat ruhha li fl-ewwel lok teskuti lill-periti teknici u fit-tieni lok tressaq sottomissjonijiet bil-miktub.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza **"Grech et vs Grech et"** – din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet:

*"Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi,*

*irragonevoli.* (ara wkoll – "**Bugeja et vs Muscat**" – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

*Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha (u cioe` ta` loti) trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Ghalhekk 'in fin' `dei conti`, qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta.

Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejjew r-rapport taghhom , il-periti teknici accedew fl-ambjenti fejn saru x-xogholijiet mill-kumpannija konvenuta u kkonstataw l-istess xogholijiet. Il-Periti Teknici fissru fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-periti teknici u l-konkluzjonijiet taghhom. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza "**Camilleri noe vs Debattista**" – ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.

Illi huwa veru li l-perit tekniku appuntat mis-socjeta' attrici wasal ghall-konkluzjoni differenti mill-perit teknici nominati mill-Qorti pero' il-Qorti rat li abbazi tal-provi migjuba lil dawn l-esperti fil-mori tal-kawza ma jwasluhomx sabiex jaslu fi qbil ma' dak li kkonkluda l-perit ex-parte tas-socjeta' attrici. Jinghad li s-socjeta' attrci kien ikollha kaz hafna aktar sod li kieku ghamlet conditional report qabel ma s-socjeta' konvenuta bdiet bix-xoghol taghha u in oltre kien ikun ahjar li kieku s-socjeta' attrici ndikat fejn l-appliances ma kienux qed jahdmu u mhux tistenna lill-Perit Ingineer Fava jipprova l-appliances u jghid li kienet il-*convection oven* biss li ma baqghax jahdem.

Dwar il-quantum ta' dannni li sofriet s-socjeta' attrici dwar il-hsara li kien hemm fil-labels tal-fliexken jinghad li s-socjeta' attrici resqet d-dokument MF4 a fol. 44 li ma giex kontestat li jindika li d-danni subiti minnha kienu ta' €16,254.33. Illi dwar il-valur moghti mill-Esperti Teknici tal-*convection oven* ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet peress illi s-socjeta' konvenuta strahet fuq din il-prova migjuba mill-Esperti Teknici stess.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta salv dik fil-mertu liema eccezzjoni qed tigi milqugha billi tiddikjara li in effetti x-xoghol ta' struttura li sar mis-socjeta'**

**konvenuta sar skond is-sengha u l-arti u li l-hsara li sofriet is-socjeta' attrici kien rizultat dirett talli thalla miftuh il-vit tal-ilma tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk tilqa' it-talba attrici u cioe' fl-ammont ta' hdax-il elf ewro (€11,000) kif mitlub minnha u dan ghaliex il-valur ta' hsara fil-fliexken gja jeccedi l-ammont mitlub mill-istess socjeta' attrici. Illi m'hemmx lok li jizdied l-ammont tal-*convection oven* ghaliex b'hekk konguntivement il-valur kien jeccedi dak mitlub mill-istess socjeta' attrici.**

**L-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru numru 1485/14 ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta.**

**L-imghax jibda jiddekorri mil-lum.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**